Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9636 — American Securities/Lindsay Goldberg/AECOM Management Services)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 420/11)

1. Fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— American Securities LLC ("American Securities", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Goldberg Lindsay & Co. LLC ("Lindsay Goldberg", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— AECOM E&C Holdings, Inc., Maverick Newco LLC u AECOM International Holdings (UK) Limited (flimkien "AECOM Management Services", l-Istati Uniti tal-Amerka).

American Securities u Lindsay Goldberg jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' AECOM Management Services kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— American Securities: ditta tal-ekwità privata attiva f'diversi setturi tal-industrija, inklużi servizzi tan-negozju, konsumaturi, kura tas-saħħa, industrija u teknoloġija;

— Lindsay Goldberg: konsulenza tal-investiment lil fondi tal-ekwità privata f'diversi setturi tal-industrija;

— AECOM Management Services: fornitur dinji ta' servizzi professjonali lil gvernijiet u entitajiet relatati fis-settur tad-difiża.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9636 — American Securities/Lindsay Goldberg/AECOM Management Services

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.